**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru: 655/2015 NHV

Numru fuq il-Lista: 24

**E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited (C-4729)**

**vs.**

**John Bonnici K.I. 112463-(M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-17 t'Awwissu 2015, fejn is-soċjetà attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u wieħed ewro, erbgħa u tletin ċenteżmu (€2,201.34c) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' *catering equipment* lilu mibjugħ u lilu kkunsenjat mis- soċjetà attriċi;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta’ elfejn, mitejn u wieħed ewro, erbgħa u tletin ċenteżmu (€2,201.34c), bl-imgħax legali dekorribbli mis-17 t’Awwissu 2015, li hija d-data tal-preżentata tal-avviż tat-talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi ta’ kwalsiasi mandat ippreżentat kontestwalment, fl-ismijiet premessi, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur